VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,973, 9 ta' Ottubru, 2012
Taqsima B

A.L. 339 tal-2012

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Ordni tal-2012 li jemenda l-Ordni dwar l-Infurzar ta' Konvenzjonijiet dwar Sajd fuq il-Baħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2012 li jemenda l-Ordni dwar l-Infurzar ta' Konvenzjonijiet dwar Sajd fuq il-Baħar, u dan l-Ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Infurzar ta' Konvenzjonijiet dwar Sajd fuq il-Baħar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

L.S. 425.08

Jemenda l-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali, minnufih wara t-tifsira konvenzjoni, għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat" jew "sajd IUU" tfisser attivitajiet ta' sajd li huma illegali, mhux irrapportati jew mhux irregolati;

"sajd illegali" tfisser attivitajiet ta' sajd:

(a) imwettqa minn bastimenti tas-sajd nazzjonali jew barranin fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat, mingħajr il-permess ta' dak l-Istat, jew bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu;

(b) imwettqa minn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stati li huma partijiet kontraenti għal organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd, imma li joperaw bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati minn dik l-organizzazzjoni u li bihom dawk l-Istati huma marbutin, jew tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli; jew

(ċ) imwettqa minn bastimenti tas-sajd bi ksur tal-liġijiet nazzjonali jew l-obbligi internazzjonali, inklużi dawk assunti minn Stati li jikkoperaw ma' xi organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"sajd mhux irrapportat" tfisser attivitajiet ta' sajd:

(a) li ma jkunux ġew irrapportati, jew ikunu ġew irrapportati ħażin, lill-awtorità nazzjonali rilevanti, bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali; jew

(b) li jkunu ġew imwettqa fiż-żona ta' kompetenza ta' xi organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd u li ma jkunux ġew irrapportati, jew ikunu ġew irrapportati ħażin, bi ksur tal-proċeduri ta' rapportar ta' dik l-organizzazzjoni;

"sajd mhux irregolat" tfisser attivitajiet ta' sajd:

(a) imwettqa fiż-żona tal-applikazzjoni ta' organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd minn bastimenti tas-sajd mingħajr nazzjonalità, minn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stat mhux parti ta' dik l-organizzazzjoni, jew minn kwalunkwe entità tas-sajd oħra, b'mod inkonsistenti jew li jikser il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni; jew

(b) mwettqa f'żoni jew għal stokkijiet ta' ħut li fir-rigward tagħhom ma hemm ebda miżura applikabbli għall-konservazzjoni jew il-ġestjoni minn bastimenti tas-sajd b'mod mhux konsistenti mar-responsabbiltajiet tal-Istat għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar skont id-dritt internazzjonali.".

Jissostitwixxi l-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali.

3. L-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Reati u pieni.

4. (1) Kull persuna li tikser xi restrizzjoni jew obbligu dwar is-sajd fil-baħar f'xi waħda mill-konvenzjonijiet li għaliha japplika dan l-Ordni tkun ħatja ta' reat kontra l-Att.

(2) Kull persuna li tinstab ħatja li wettqet, jew tinstab responsabbli għat-twettiq ta', reat li huwa ta' xorta gravi skont il-konvenzjoni li minnha joriġina r-reat, teħel multa ta' ħames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu inkisbu permezz tar-reat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Kull persuna li tinstab ħatja li wettqet, jew tinstab responsabbli għat-twettiq ta', reat li huwa ta' xorta gravi skont il-konvenzjoni li minnha joriġina r-reat, għat-tieni darba jew għal drabi oħra f'perjodu ħames snin, teħel multa ta' tmien darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu nkisbu permezz tar-reat gravi.

(4) Kull persuna li tinstab ħatja li wettqet, jew tinstab responsabbli għat-twettiq ta', reat li huwa ta' xorta gravi skont il-konvenzjoni li minnha joriġina r-reat, iżda meta ma jkunu inkisbu ebda prodotti tas-sajd permezz tar-reat, teħel multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1000) u mhux iktar minn għaxart elef euro (€10,000). Meta jkun qed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa li għandha titħallas, għandha tkun meqjusa l-ħsara li saret lir-riżorsi tas-sajd u l-ambjent marittimu, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-persuna li tinstab ħatja, kif ukoll jekk ir-reat kienx ripetut.

(5) Kull persuna li tinstab ħatja li wettqet, jew tinstab responsabbli għat-twettiq ta', reat li mhuwiex ta' xorta gravi skont il-konvenzjoni li minnha joriġina r-reat, teħel multa ekwivalenti għall-valur tal-prodotti tas-sajd maqbuda li jkunu nkisbu permezz tar-reat.

(6) Kull persuna li tinstab ħatja li wettqet, jew tinstab responsabbli għat-twettiq ta', reat li mhuwiex ta' xorta gravi skont il-konvenzjoni li minnha joriġina r-reat, meta ma jkunu nkisbu l-ebda prodotti tas-sajd permezz tar-reat, teħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin euro (€50) u mhux iktar minn elf euro (€1,000). Meta jkun qed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa li għandha titħallas, għandha tkun meqjusa l-ħsara li saret lir-riżorsi tas-sajd u l-ambjent marittimu, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-persuna li tinstab ħatja, kif ukoll jekk ir-reat kienx ripetut:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda meta r-reat, li għalih qed tigi kkwantifikata l-piena skont dan l-Ordni, huwa speċifikatament ikkontemplat fl-Att u meta l-Att jipprovdi għal piena speċifika għal dak l-istess reat, il-piena stabbilita skont dan l-Ordni m'għandhiex f'ebda ċirkostanza teċċedi l-piena massima maħsuba f'dik id-dispożizzjoni speċifika tal-Att:

Iżda wkoll meta xi waħda minn dawn il-konvenzjonijiet tipprovdi għal piena ulterjuri jew iżjed speċifika għall-ksur ta' xi dispożizzjonijiet tagħha, dik il-piena għandha tapplika għall-ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet:

Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan l-Ordni, reat għandu jitqies li huwa ta' xorta gravi meta:

(a) l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ikun instab ħati tal-istess reat għat-tieni darba jew għal darb'oħra; jew

(b) l-bastiment tas-sajd hu mingħajr liċenza valida maħruga skont l-Att; jew

(ċ) l-bastiment tas-sajd hu mingħajr awtorizzazzjoni u, jew permess validi kif meħtieg skont l-Att; jew

(d) ir-rapporti meħtieġa dwar il-qabda kienu intenzjonalment mhux kompleti u, jew żbaljati

(e) in-notifiki meħtiega ma ġewx trasmessi; jew

(f) l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad f'żona magħluqa; jew

(g) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad matul staġun magħluq; jew

(h) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad mingħajr ma kiseb il-kwota għall-bastiment jew lil hinn mill-kwota mogħtija lill-bastiment skont l-Att; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd stad lil hinn minn qiegħ tal-baħar magħluq; jew

(j) l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd kien involut f'sajd imrieġi għal stokk li jkun soġġett għal moratorju jew li s-sajd tiegħu jkun projbit; jew

(k) hemm raġunijiet fondati biex tikkonkludi li l-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd uża tagħmir tas-sajd ipprojbit jew mhux konformi; jew

(l) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd iffalsifika jew intenzjonalment ħeba l-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni tiegħu; jew

(m) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ħeba, bagħbas u, jew elimina prova li għandha x'taqsam ma' xi investigazzjoni; jew

(n) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ostakola l-ħidma tal-uffiċjali tas-sajd jew ta' xi awtorità oħra kompetenti; jew

(o) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd għabba abbord, ittrasborda jew żbarka ħut taħt id-daqs; jew

(p) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ittrasborda jew ipparteċipa f'operazzjonijiet konġunti tas-sajd oħra ma', appoġġa jew iffornixxa mill-ġdid, bastimenti tas-sajd li jkunu ġew identifikati li kienu involuti f'sajd IUU; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(q) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd wettaq attivitajiet ta' sajd fiż-żona ta' organizzazzjoni reġjonali ta' ġestjoni tas-sajd b'mod inkonsistenti ma', jew bi ksur ta', il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni u jkun taħt bandiera ta' Stat li mhuwiex parti f'dik l-organizzazzjoni, jew li ma jikkoperax ma' dik l-organizzazzjoni kif stabbilit minn dik l-organizzazzjoni; jew

(r) il-bastiment tas-sajd m'għandu l-ebda nazzjonalità u għaldaqstant ikun bastiment mingħajr nazzjonalità, skont id-dritt internazzjonali; jew

(s) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment naqas milli jittrasmetti id-dikjarazzjoni ta' żbark jew in-nota tal-bejgħ meta l-iżbark tal-qabda jkun sar fil-port ta' pajjiż terz; jew

(t) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd bagħbas il-magna bil-għan li tiżdied il-qawwa tagħha 'l fuq mill-qawwa massima kontinwa tal-qawwa tal-magna skont iċ-ċertifikat tal-magna; jew

(u) il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd naqas milli jiżbarka kwalunkwe speċi soġġetta għal kwota maqbuda matul operazzjoni tas-sajd.

(7) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att għandhom japplikaw meta persuna tinstab ħatja ta' reat kontra waħda mill-konvenzjonijiet elenkati fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni għat-tieni darba jew għal darb'oħra.".